**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 15 ta` Settembru 2015**

**Kawza Nru. 11**
**Rik. Gur. Nru. 177/08 JZM**

**Alexandra Balzan Ruggier**
**(K.I. 418569M)**

***kontra***

**Amadeo Balzan**
**(K.I. 98162M)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fid-19 ta` Frar 2008 li jaqra hekk :–

*1. Illi r-rikorrenti hija wahda mit-tlett azzjonisti tas-socjeta` Central Holdays (Travel & Tourism) Limited (C8035) [aktar `l isfel imsejha "s-Socjeta`"] u ghandha partecipazzjoni komplessiva ta` disa` u erbghin punt sitta u disghin fil-*

*mija (49.96%) tal-ishma kollha fis-Socjeta` kif jirrizulta mill-Memorandum u l-Istatut tas-Socjeta` [hawn anness u mmarkat DOK A] ;*

*2. Illi inoltre r-rikorrenti hija wahda miz-zewg diretturi appuntati fuq il-Bord tad-Diretturi tas-Socjeta` skond l-istess Memorandum u l-Istatut tas-Socjeta` [DOK A] ;*

*3. Illi l-intimat huwa d-direttur l-iehor appuntat fuq il-Bord tad-Diretturi tas-Socjeta` ;*

*4. Illi ai termini tal-Memorandum u l-Istatut tas-Socjeta` l-amministrazzjoni tas-Socjeta` hija vestita fil-Bord tad-Diretturi (ara Klawsola Numru 10 tal-Istatut) liema Bord illum jinsab kompost mir-rikorrenti u mill-intimat kif spjegat aktar `il fuq ;*

*5. Illi l-intimat ilu ghal diversi xhur jippregudika d-drittijiet tar-rikorrenti b`agir abbusiv u llegali fil-konfront taghha bhala direttrici tas-Socjeta` u dan billi –*

*(a) it-tmexxija tas-Socjeta` mhijiex qed issir ai termini tal-Memorandum u l-Istatut tas-Socjeta`, tant illi minkejja ghall-insistenza tar-rikorrenti mhumiex qeghdin isiru laqghat tad-diretturi, bil-konsegwenza illi l-operazzjonijiet tas-socjeta` qeghdin isiru minghajr l-awtorizzazzjoni jew approvazzjoni tal-Bord tad-Diretturi. Presentement l-intimat qieghed abbuzivament imexxi s-Socjeta` unilateralment minghajr l-ebda konsultazzjoni mar-rikorrenti li qed tigi negata d-dritt li tmexxi u tamministra s-Socjeta` flimkien mal-intimat tramite l-Bord tad-Diretturi ;*

*(b) Per di piu` konsegwenza tal-agir abbuziv tal-intimat, ir-rikorrenti qed tigi michuda milli taccedi ghall-kotba u ghad-dokumentazzjoni u l-informazzjoni li jikkoncernaw l-operazzjonijiet kummercjali tas-Socjeta` fosthom l-accounts u l-korrispondenza relattiva ;*

*6. Illi inoltre sabiex l-intimat zgur icahhad lir-rikorrenti minn dawn id-drittijiet taghha huwa qieghed sahansitra abbuzivament jimpedieha milli taccedi ghall-ufficcju registrat tas-Socjeta` fejn jinsabu l-kotba, dokumentazzjoni u informazzjoni ohra li jikkoncernaw is-Socjeta` ;*

*7. Illi r-rikorrenti nterpellat lill-intimat permezz ta` ittra datata 2 ta` Jannar 2008 sabiex fost l-ohrajn jipprovdilha kopja tac-cwievet tal-fond 113, St.*

*George`s Road, San Giljan (fejn jinsab l-ufficcju registrat tas-Socjeta`), kopja ta` kull korrispondenza u dokumentazzjoni li ghandhom x`jaqsmu mas-Socjeta` u rendikont dettaljat u komplut tal-operazzjonijiet u tal-finanzi tas-Socjeta` sabiex r-rikorrenti tkun tista` tevalwa bir-reqqa l-operazzjonijiet tal-istess Socjeta` (l-ittra hija hawn annessa u mmarkata DOK B) ;*

*8. Illi minkejja tali interpellazzjoni, ir-rikorrenti ma rcevietx risposta minghand l-intimat u naturalment ma gietx mghoddija la kopja u anqas access ghall-informazzjoni rikjesta ;*

*9. Illi ghalhekk minhabba dan l-agir abbusiv u llegali tal-intimat, fil-prezent r-rikorrenti qed tigi mcahhda milli tezercita d-drittijiet taghha ta` direttrici tas-Socjeta` u fic-cirkostanzi tista` biss tirrikorri permezz ta` rikors guramentat de quo sabiex jitharsu l-interessi u d-drittijiet taghha bhala tali ;*

*Ighid ghalhekk l-intimat ghaliex m`ghandhiex din l-Onorabbli Qorti –*

*1. Tiddikjara illi l-agir tal-intimat fil-konfront tar-rikorrenti kif hawn fuq premess huwa abbuziv u qed jippregudika d-drittijiet taghha bhala direttrici tas-Socjeta` ;*

*2. Tipprojbixxi lill-intimat milli jiehu aktar decizjonijiet dwar it-tmexxija u l-amministrazzjoni tas-Socjeta` minghajr l-involviment shih tar-rikorrenti bhala direttrici tal-istess ;*

*3. Tordna lill-intimat jaghti lir-rikorrenti access liberu ghall-kotba u d-dokumenti kollha tas-Socjeta` inkluz il-kotba tal-kontijiet, korrispondenza u dokumentazzjoni ohra relattiva ghall-operazzjonijiet tas-Socjeta` u dan f`perijodu qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa ghal dan il-ghan ;*

*4. Tordna lill-intimat illi jaghti lir-rikorrenti rendikont shih tal-operazzjonijiet tas-Socjeta` u informazzjoni dettaljata dwar il-finanzi tas-Socjeta` mill-1 ta` Mejju 2007 `il hawn u dan f`perijodu qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa ghal dan il-ghan.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attrici u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fit-13 ta` Marzu 2008 li taqra hekk –

*1. Preliminarjament illi r-rikors guramentat promotur huwa null stante li huwa neboluz u ma jindikax b`mod car u sewwa l-oggett u t-tip tal-kawza esperita u r-ragunijiet tat-talba u kwindi l-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Illi minn dan il-lat l-attrici ghandha tiddikjara b`mod car u univoku taht liema artikolu tal-ligi hija qeghda tibbaza l-kawza taghha. Ghal dan il-ghan l-eccipjenti qieghed izomm ferm id-dritt li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri wara li jigi indikat lilu tali artikolu u/jew artikoli tal-ligi.*

*2. Preliminarjament ukoll u bla ebda pregudizzju ghas-suespost l-attrici fil-kwalita` taghha premessa m`ghandha assolutament ebda interess guridiku biex tippromwovi l-kawza de quo stante li jekk hemm lok ta` azzjoni kontra wiehed mid-diretturi, din tispetta lill-kumpannija per se mhux lill-attrici.*

*3. Illi fil-mertu u bla ebda pregudizzju ghas-suespost il-kawza de quo hija nsostenibbli u t-talbiet bla bazi inter alia peress illi –*

*(i) Direttur m`ghandux bzonn jikkonsulta ruhu ma` hadd ghall-operat tal-kumpannija u dan johrog kemm mill-Companies Act kif ukoll mill-Artikolu 9 tal-Memorandum ;*

*(ii) Di piu`, l-intimat huwa l-managing director tal-kumpannija u allura aktar m`ghandux bzonn jikkonsulta ruhu mal-attrici ghall-operat tal-kumpannija (vide artikoli 16 u 17 tal-Articles of Association) ;*

*(iii) Kwantu ghall-allegazzjoni li l-attrici qeghda tigi negata access ghall-kotba u ghall-ufficcju tal-kumpannija dan ma hu veru assolutament xejn u anzi jigi rilevat illi wara assenza ta` snin shah mill-ufficini tal-kumpannija kienet l-attrici stess illi dahlet fl-ufficcju tal-kumpannija u arbitrarjament u llegalment hadet flus u dokumenti tal-kumpannija oltre li ghamlet hafna hsara fl-istess ufficcju ;*

*(iv) Kwantu ghat-talba li l-intimat ghandu jigi pprojbit milli jiehu aktar decizjonijiet din hija assolutament bla ebda bazi peress illi semmai hija mertu li ghandu jigi ndirizzat bi proceduri ohra mhux bil-kawza de quo.*

*4. Illi fl-ahhar nett, it-talba attrici hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt stante li inter alia l-intimat ma hu qed jirreka l-ebda pregudizzju lill-attrici u lanqas lill-kumpannija, u in ogni kaz rigward it-talba tal-attrici sabiex l-intimat jibghat l-istatement of affairs tal-kumpannija din hija infondata peress illi l-attrici nnfisha qua direttur tal-istess kumpannija ghandha kull dritt taccedi fl-ufficini taghha u tispezzjona hi personalment tali dokumenti.*

*5. Illi ghalhekk : (a) kwantu ghall-ewwel talba attrici m`hemmx lok ghal dikjarazzjoni mitluba stante li l-konvenut mhux qed jimxi b`mod abbusiv u ma hu qed jippregudika lil hadd ; (b) kwantu ghat-tieni talba din hija wkoll infondata peress li hi mertu semmai ta` proceduri ohra kontemplati mil-ligi ; u (c) kwantu ghat-tielet u r-raba` talbiet m`hemmx ukoll lok li dawn jintlaqghu peress illi l-attrici stess ghandha kull dritt tispezzjona d-dokumenti tal-kumpannija u tara l-operazzjonijiet tal-kumpannija hi stess kif hawn fuq spjegat.*

*6. Salvi jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri, wara li l-attrici tiddikjara taht liema artikolu tal-ligi qeghda tippromwovi l-azzjoni taghha.*

*Bl-ispejjez kollha u bir-riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-esponenti skond il-ligi kontra l-istess attrici.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut.

Rat illi din il-Qorti diversament presjeduta fl-udjenza tat-2 ta` April 2008 idderigiet lill-partijiet sabiex jittrattaw l-ewwel eccezzjoni.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet illi kienu skambjati bejn il-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni.

**Rat is-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghtija fl-udjenza tas-27 ta` Frar 2009 fejn, ghar-ragunijiet illi tat, cahdet l-ewwel eccezzjoni, bl-ispejjez jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.**

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta’ April 2009 quddiem din il-Qorti hekk kif presjeduta, id-difensur tal-attrici aderixxa mal-verbal li kien sar mid-difensur tal-konvenut fl-udjenza tas-7 ta’ April 2009 fis-sens li tigi trattata u deciza t-tieni eccezzjoni tal-intimat. Din il-Qorti ghalhekk idderigiet lill-partijiet sabiex jittrattaw

din it-tieni eccezzjoni.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet illi kienu skambjati bejn il-partijiet dwar it-tieni eccezzjoni.

**Rat is-sentenza ta` din il-Qorti tal-25 ta` Frar 2010 fejn, ghar-ragunijiet illi tat, cahdet it-tieni eccezzjoni, bl-ispejjez jibqghu riservati ghall-gudizzju finali, u halliet il-kawza sabiex jingabru l-provi dwar il-mertu.**

Semghet ix-xiehda tal-awditur Anthony J. Cassar fl-udjenza tal-10 ta` Mejju 2010 u rat id-dokumenti kollha li kienu prezentati waqt din l-udjenza.

Semghet ix-xiehda tal-attrici fl-udjenza tal-25 ta` Ottubru 2010.

Semghet ix-xiehda ta` Oliver Ruggier fl-udjenza tat-18 ta` Jannar 2011.

Rat in-nota b`dokumenti li l-attrici pprezentat fil-21 ta` Frar 2011.

Semghet ix-xiehda ta` l-konvenut fl-udjenza tal-21 ta` Marzu 2011.

Semghet ix-xiehda in kontroezami tal-konvenut fl-udjenza tas-17 ta` Ottubru 2011 u rat id-dokument li kien esebit fl-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda tal-konvenut fl-udjenzi tat-12 ta` Jannar 2012 u tat-22 ta` Marzu 2012 u rat id-dokumenti li kienu esebiti f`dawn l-udjenzi.

Semghet ix-xiehda in kontroezami tal-konvenut fl-udjenza tat-12 ta` Gunju 2012.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li skambjaw il-partijiet dwar il-mertu.

**Rat in-nota li l-attrici pprezentat fis-17 ta` Settembru 2012 fejn irtirat**

**t-tieni talba taghha billi l-mertu dwarha kien esawrit.**

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar mid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-19 ta` Frar 2013

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tad-19 ta` Frar 2013 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza.

## II. Is-sentenza tal-lum

Bis-sentenza tal-lum, qeghdin jigu decizi **l-ewwel, it-tielet u r-raba` talbiet** fejn l-attrici talbet lill-Qorti sabiex :-

*1. Tiddikjara illi l-agir tal-intimat fil-konfront tar-rikorrenti kif hawn fuq premess huwa abbuziv u qed jippregudika d-drittijiet taghha bhala direttrici tas-Socjeta` ;*

*3. Tordna lill-intimat jaghti lir-rikorrenti access liberu ghall-kotba u d-dokumenti kollha tas-Socjeta` inkluz il-kotba tal-kontijiet, korrispondenza u dokumentazzjoni ohra relattiva ghall-operazzjonijiet tas-Socjeta` u dan f`perijodu qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa ghal dan il-ghan ;*

*4. Tordna lill-intimat illi jaghti lir-rikorrenti rendikont shih tal-operazzjonijiet tas-Socjeta` u informazzjoni dettaljata dwar il-finanzi tas-Socjeta` mill-1 ta` Mejju 2007 `il hawn u dan f`perijodu qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa ghal dan il-ghan.*

Qeghdin jigu decizi wkoll l-eccezzjonijiet fil-mertu u cioe` **it-tielet, ir-raba`, il-hames u s-sitt eccezzjonijiet** fejn il-konvenut eccepixxa :-

*3. Illi fil-mertu u bla ebda pregudizzju ghas-suespost il-kawza de quo hija nsostenibbli u t-talbiet bla bazi inter alia peress illi –*

*(i) Direttur m`ghandux bzonn jikkonsulta ruhu ma` hadd ghall-operat tal-kumpannija u dan johrog kemm mill-Companies Act kif ukoll mill-Artikolu 9 tal-Memorandum ;*

*(ii) Di piu`, l-intimat huwa l-managing director tal-kumpannija u allura aktar m`ghandux bzonn jikkonsulta ruhu mal-attrici ghall-operat tal-kumpannija (vide artikoli 16 u 17 tal-Articles of Association) ;*

*(iii) Kwantu ghall-allegazzjoni li l-attrici qeghda tigi negata access ghall-kotba u ghall-ufficcju tal-kumpannija dan ma hu veru assolutament xejn u anzi jigi rilevat illi wara assenza ta` snin shah mill-ufficini tal-kumpannija kienet l-attrici stess illi dahlet fl-ufficcju tal-kumpannija u arbitrarjament u llegalment hadet flus u dokumenti tal-kumpannija oltre li ghamlet hafna hsara fl-istess ufficcju ;*

*(iv) Kwantu ghat-talba li l-intimat ghandu jigi pprojbit milli jiehu aktar decizjonijiet din hija assolutament bla ebda bazi peress illi semmai hija mertu li ghandu jigi ndirizzat bi proceduri ohra mhux bil-kawza de quo.*

*4. Illi fl-ahhar nett, it-talba attrici hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt stante li inter alia l-intimat ma hu qed jirreka l-ebda pregudizzju lill-attrici u lanqas lill-kumpannija, u in ogni kaz rigward it-talba tal-attrici sabiex l-intimat jibghat l-istatement of affairs tal-kumpannija din hija infondata peress illi l-attrici nnfisha qua direttur tal-istess kumpannija ghandha kull dritt taccedi fl-ufficini taghha u tispezzjona hi personalment tali dokumenti.*

*5. Illi ghalhekk : (a) kwantu ghall-ewwel talba attrici m`hemmx lok ghal dikjarazzjoni mitluba stante li l-konvenut mhux qed jimxi b`mod abbusiv u ma hu qed jippregudika lil hadd ; (b) kwantu ghat-tieni talba din hija wkoll infondata peress li hi mertu semmai ta` proceduri ohra kontemplati mil-ligi ; u (c) kwantu ghat-tielet u r-raba` talbiet m`hemmx ukoll lok li dawn jintlaqghu peress illi l-attrici stess ghandha kull dritt tispezzjona d-dokumenti tal-kumpannija u tara l-operazzjonijiet tal-kumpannija hi stess kif hawn fuq spjegat.*

*6. Salvi jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri, wara li l-attrici tiddikjara taht liema artikolu tal-ligi qeghda tippromwovi l-azzjoni taghha.*

## III. Osservazzjoni generali

**Il-partijiet huma mizzewgin pero` jinsabu ghaddejjin minn proceduri ta` separazzjoni personali kemxejn imqanqla. Bejn il-partijiet hemm ukoll**

**numru ta` kawzi, fosthom din tal-lum, li ghalkemm isibu l-origini taghhom fl-inkwiet matrimonjali taghhom, jolqtu kwistjonijiet attinenti ghall-qasam socjetarju. Billi l-provi xi drabi jiskonfinaw bejn kawza u ohra, din il-Qorti, kif hija obbligata taghmel, sejra tislet mill-assjem tal-provi, u taghmel riferenza ghal dawk il-provi illi jolqtu jew li huma rilevanti <u>biss</u> ghall-mertu tal-ewwel, tat-tielet u tar-raba` talbiet, kif ukoll ghat-tielet, ir-raba`, il-hames u s-sitt eccezzjonijiet tal-konvenut.**

## IV. <u>Sintesi tax-xiehda</u>

**<u>L-Awditur Anthony J. Cassar</u>** xehed illi huwa l-awditur tal-kumpannija Central Holidays (Travel and Tourism) Limited [minn issa `l quddiem tissejjah "**<u>Central 1</u>**"]. Qabel il-15 ta` Settembru 2008, id-diretturi kienu l-partijiet. L-azzjonisti kienu l-partijiet u Joseph Oliver Ruggier. In-negozju kien jitmexxa mill-konvenut li kien id-Direttur Manigerjali. Iddeskriva l-gestjoni tal-konvenut bhala tajba hafna ; *first class* skond ix-xhud.

Ipprezenta Dok AC biex isostni d-deposizzjoni tieghu. Xehed illi kien avvicinat mill-attrici u minn Joseph Oliver Ruggier, li jigi missierha, sabiex jaghmel investigazzjoni ghan-nom taghhom ta` dak li kien qed isir fin-negozju. Kien infurmat li bejn il-partijiet kienu bdew proceduri ta` separazzjoni personali. Huwa ppropona li l-ewwel jaghlaq l-audit tal-2008 li kien jaghlaq fix-xahar ta` April. U mbaghad jibda l-investigazzjoni minn Mejju 2008. Accetta l-inkariku u kiteb lill-konvenut.

Kompla jixhed illi saru 'extraordinary general meetings' tas-socjeta`. Ghal wiehed minnhom in partikolari – li fil-fehma tax-xhud kien importanti hafna – kienu prezenti mhux biss it-tliet azzjonisti izda anke hu u s-segretarju tal-kumpannija. Kien deciz li hu jaghmel l-esercizzju li semma` qabel u li l-konvenut ighaddi l-informazzjoni mehtiega. Billi huwa kien jaf lill-konvenut bhala persuna tal-affari taghha, l-iskop tal-investigazzjoni kellu jkun sabiex iwarrab kull dubji jew suspetti bejn l-azzjonisti.

Stqarr illi fi stadju minnhom wara li talab lill-konvenut taghrif bhal statements tal-bank u returns tal-VAT, il-konvenut avzah li ma kienx se jghaddi informazzjoni qabel issir laqgha tal-bord tad-diretturi. F`dak il-punt ix-xhud kellu jieqaf fl-iinkariku li kellu billi ma setax imur `il quddiem.

Kompla xehed illi fis-26 ta` Gunju 2008 sar 'extraordinary general meeting'

tas-socjeta`. Ghal din il-laqgha kienu prezenti, Av. Jean Carl Farrugia bhala mandatarju tal-attrici, Joseph Oliver Ruggier, il-konvenut u x-xhud. Billi l-partijiet kienu ghaddejjin minn inkwiet matrimonjali, u l-konvenut qal li l-attrici ma kenitx qed tiffirma mieghu c-cheques, kien deciz li c-cheques jiffirmawhom il-konvenut u x-xhud sakemm l-azzjonisti jiddeciedu x`kien se jsir mill-kumpannija. Kien deciz ukoll li l-konvenut ighaddi l-informazzjoni li kien jehtieg biex jaghmel l-audit tal-2008 u l-esercizzju investigattiv ta` wara l-1 ta` Mejju 2008. Fil-fatt kien biss fil-bidu ta` Settembru 2008 li l-konvenut gab id-dokumenti. Minnhom pero` kien hemm in-nieqes ghaliex skond il-konvenut ma kellux access ghalihom. Bhala fatt huwa kellu jgib id-dokumenti ghax hu kien qed imexxi. F`dak iz-zmien is-socjeta` kienet diga` qeghda tehel multi. Bid-dokumenti li ghaddielu l-konvenut, huwa ma setax jaghmel l-audit tal-2008.

Fisser illi huwa fil-fatt dam firmatarju mal-konvenut ghal ftit zmien ghaliex gara li l-attrici u missierha nehhew lill-konvenut minn direttur. Dan jafu bhala fatt. Ix-xhud kien lahaq iffirma minn ghoxrin (20) sa tletin (30) cheque.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, ix-xhud stqarr illi d-dokumenti li ma kkonsenjax il-konvenut kienu l-'bank statements' tal-Bank of Valletta ghas-sena 2008 sa April ta` dik is-sena ; il-lista tal-krédituri ; il-lista tad-debituri ; u l-accruals. Qabel ma nqala` l-inkwiet taz-zwieg bejn il-partijiet, il-konvenut kien ighaddilhom ghall-fini ta` audit 'excel sheet' tal-lista tad-debituri u tal-krédituri flimkien mas-'supporting vouchers'. Ma jafx li l-attrici dahlet fl-ufficcju tas-socjeta` u zarmatlu kollox ; li kien jaf hu - milli qallu l-konvenut - kien illi *m`ghandix access ghax ghalquni.*

**<u>L-attrici</u>** xehdet fis-seduta tal-25 ta` Ottubru 2010. Tixhed illi hija direttur ta` Central 1. Id-direttur l-iehor huwa missierha Joseph Oliver Ruggier. Missierha ssostitwixxa lil zewgha l-konvenut bhala direttur. In-negozju ta` Central 1 kien jitmexxa minn zewgha u minnha. Is-sit tan-negozju kien il-fond 113, St George`s Road, Paceville. Bhala fatt, in-negozju kien jitmexxa mill-konvenut, flimkien mal-impjegati. Qabel missierha sar direttur, l-ilment taghha dwar it-tmexxija tal-konvenut kienet illi kien ighidilha biex tiffirma 'blank cheques' ; meta kienet tistaqsi ghal xiex kienu jirrelataw dawk ic-cheques, ma kenitx tinghata informazzjoni. Tghid illi staqsiet ghala dokumenti izda qatt ma nghatat. Il-konvenut tnehha minn direttur b`decizjoni tal-maggoranza tal-azzjonisti u cioe` hi u missierha.

Tixhed illi ad insaputa taghha, fil-15 ta` April 2008, sar kuntratt bejn Central 1 u socjeta` ohra bl-isem ta` 'Central Holidays (Travel Agents and Organisers Limited [minn issa `l quddiem tissejjah "**<u>Central 2</u>**'] li bis-sahha tieghu Central 2 hadet post Central 1.

Tistqarr illi meta rnexxielha tidhol fil-post fejn kienet topera Central 1, prattikament ma sabet xejn fejn si tratta ta` dokumenti.

Fil-**kontroezami**, l-attrici tixhed illi s-sehem azzjonarju taghha u ta` missierha kien jaqbez dak ta` zewgha l-konvenut. Hi u zewgha nfirdu de fact fl-2007. L-ilmenti taghha fil-kawza tal-lum dwar l-imgieba tal-konvenut nibtu wara l-2007, ghalkemm meta ghadhom flimkien kienu nqalghu diffikultajiet bejniethom dwar *ix-xoghol* tas-socjeta` (kliem l-attrici). Qabel inqala` l-inkwiet taz-zwieg, kienu jmexxu tajjeb ghaliex, skond l-attrici, *konna mmexxu ghax hu ovvjament ried il-firma tieghi ghal kollox.*

L-attrici taccetta u tirrikonoxxi illi s-socjeta` Amber Properties Limited, li taghha hija l-unika azzjonista, kecciet lil Central 1 mis-sit tan-negozju taghha, ghaliex Central 1 ghamlet *frodi* (kliem l-attrici) fil-konfront taghha.

L-attrici tkompli tixhed hekk :-

*… jekk jien ftaht kexxun u hadt dokumenti li jappartjenu l-kumpannija tieghi fejn hemm ammont sostanzjali ta` flus u hadd ma ried itini l-affarijiet li jien ghandi dritt ghalihom, qbadt u hadthom ghax jien ma kelli l-ebda way ohra …*

Tghid illi hadet il-karti biex tkun taf fejn qed imorru l-flus. Qabel inqala` l-inkwiet matrimonjali taghhom, il-konvenut igib karti li kienet titolbu minghajr problemi. Wara li nqala` l-inkwiet, u bdiet tinduna li l-konvenut kien qed jaghmel affarijiet minn wara daharha, kienet taqbad u tmur hi tiehu l-karti. Fil-fatt marret darbtejn l-ufficcju u wara nvolviet lill-avukat.

Qalet ukoll illi llum il-gurnata Central 1 m`ghandhiex ufficcju mnejn topera.

**Joseph Oliver Ruggier** xehed illi huwa azzjonista ta` Central 1. Sar ukoll direttur taghha b`effett mit-18 ta` Settembru 2008. Bintu l-attrici hija wkoll azzjonista u direttur. Hu ha post il-konvenut li tnehha minn direttur b`decizjoni tal-maggoranza tal-azzjonisti. Illum il-konvenut huwa azzjonista biss.

Kien mistoqsi ghala tnehha minn direttur. Xehed hekk :-

*Fuq l-amministrazzjoni hazina li kien qieghed imexxi. Ma juri xejn lil hadd, jaghmel kollox wahdu sigriet, nitolbuh xi informazzjoni jghidilna mhux affair taghkom, nitolbuh bank statement ma jaghtihulniex, lista tal-kredituri u debituri jzomm kollox imsakkar. Darba minnhom konna jiena u t-tifla ghax marret it-tifla tiftah kexxun biex issib forsi xi sales book jew xi haga rajtu qabadha u litteralment tefaghha `l barra, qalilha hawnhekk tindahalx, m`ghandekx x`taqsam, meta hi kienet direttrici u shareholder daqsu. Amministrazzjoni hazina. Lanqas il-code tal-alarm biex tidhol jew nidhlu ma kellna, kollox wahdu.*

Stqarr illi Central 1 kienet topera n-negozju taghha mill-fond 113, St. George`s Road, San Giljan. Central 1 kienet topera bil-flus li kienet iddahhal mill-bejgh matul l-istagun tas-sajf ; meta x-xoghol kien inaqqas wara jghaddi s-sajf, kienet taqa` fuq 'overdraft' li kellha.

Ix-xhud ilmenta li wara li nqala` l-inkwiet bejn il-partijiet, il-konvenut qieghed flus ta` Central 1 fil-kont personali tieghu mhux fil-kont tal-kumpannija sabiex jevita li l-htiega li tiffirma cheques ta` Central 1. Infatti l-attrici kienet irrifjutat li tiffirma 'blank cheques' tal-kumpannija kif il-konvenut ippretenda li kellha taghmel.

Spjega li wara li l-konvenut minn direttur, huma sabu li meta kien ghadu direttur, il-konvenut kien gibed il-flus kollha, u l-kumpannija kienet minn taht mal-bank ghall-figura ta` €51,000. Huma ma jafux x`sar mill-flus li gibed.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, ix-xhud ikkonferma li l-inkwiet tan-negozju ta` Central 1 tfaccja fl-istess zmien li l-partijiet kellhom l-inkwiet fiz-zwieg. Huwa m`ghandu l-ebda konnessjoni mas-socjeta` Amber Properties Limited ; dik hija socjeta` tal-attrici. Amber Properties Limited ghamlet kawza biex tizgombra lil Central 1 mill-fond 113, St. George`s Road, San Giljan. Ikkonferma li fil-kawza, hu bhala direttur ta` Central 1 kien irregista ammissjoni ; dan ghamlu ghaliex Central 1 ma kellhiex titolu. Fil-post illum hemm kumpannija ohra kwazi bl-istess isem li l-konvenut ghal Central 1 qabel tnehha minn direttur ghamel 'management agreement' maghha. Qal li ma jafx li l-attrici hadet id-dokumenti ta` Central 1 skond kif xehdet hi stess.

**<u>Il-konvenut</u>** xehed illi huwa azzjonista ta` Central 1 u kien ukoll direttur taghha. L-azzjonisti l-ohra u cioe` l-attrici u missierha Joseph Oliver Ruggier nehhew lilu minn direttur b`effett mit-18 ta` Settembru 2008 fiz-zmien meta hu u l-attrici kienu fil-qalba tas-separazzjoni personali taghhom. Kien ilu direttur ta` Central 1 mill-1995. Dejjem hu mexxa l-kumpannija. Qabel tnehha minn direttur, l-attrici kienet marret l-ufficcju u ghamlet stragi. Tefghetlu kollox fl-art. Kien

hemm okkazjoni ohra fejn giet u hadet files tal-'accounts' ; dakinhar hu ma kienx hemm ; kien hemm biss is-segretarja. Marret ukoll bil-lejl u hadet kollox inkluza l-ghamara fosthom 'filing cabinet' bid-dokumenti li kien hemm fih ; halliet il-post vojt u sar katnazz. Ipprezenta kawza ta` spoll li kienet deciza favur tieghu. Hu ma kien baqghalu xejn hlief affarijiet zghar. Rega` dahal fil-post wara li nqatghet il-kawza ta` spoll.

Il-konvenut kien mistoqsi hekk :-

*Illum il-gurnata Sur Balzan, il-mara tieghek qed titlob li inti taghti lilha access liberu ghall-kotba u d-dokumenti tas-socjeta`, dawn qeghdin ghandek ?*

Il-konvenut wiegeb hekk :-

*Le m`humiex, qeghdin ghandha, hadithom hi, fejn jekk hemm xi affarijiet trid iggibhom mill-bank, tista` ggibhom mill-bank hux, jekk trid, imma issa l-affarijiet m`ghandhiex ghalfejn tistaqsi lili.*

Fil-**<u>kontroezami</u>**, il-konvenut xehed illi meta kien direttur, l-attrici gieli talbitu dokumenti. Min-naha tieghu, dejjem ta li riedet. Anke wara li fit-2 ta` Jannar 2008 kitbitlu biex jaghtiha dokumenti dwar l-'operations' tas-socjeta`. Inoltre l-attrici kellha c-cwievet tal-post u kienet taf bl-alarm. Ma kenitx prekluza milli tiehu d-dokumenti. Fil-fatt hadet dokumenti meta hu ma kienx l-ufficcju u kien hemm is-segretarja. Sa Jannar 2008, l-attrici kienet ghadha tiffirma c-'cheques' biex jithallsu l-agenti. In segwitu bdiet tirrifjuta li tiffirma. Meta ffirmat 'blank cheques' kellha c-cans kollu tivverifika mal-bank ghand min marru dawk ic-'cheques'.

Kompla jixhed illi mhux hu u s-segretarja biss kellhom kopja tac-cavetta tal-post izda anke l-attrici kellha. Il-'management agreement' ma` Central 2 iffirmah hu bhala direttur ta` Central 1, kif kellu kull dritt jaghmel skond il-'memorandum'. Ighid li b`dak il-ftehim huwa hares l-interess ta` Central 1 ghax l-attrici riedet tkisser Central 1. Bil-ftehim, l-'operations' u l-'goodwill' ta` Central 1 ghaddew ghand Central 2 ; b`hekk kien skansat it-tentattiv tal-attrici li tkompli taghmel hsara lil Central 1. Kien ghalhekk li qabel sar dan il-ftehim, ma kienx werieh lill-attrici. Dwar id-dokumenti, il-konvenut kompla jinsisti li meta riedet, l-attrici setghet marret ghalihom.

Xehed illi lill-Awditur, huwa tah id-dokumenti li kellu jaghtih. U ppreciza hekk :-

*… l-affarijiet kollha li kellhom x`jaqsmu sa l-ahhar financial year … ghaddejtlu kollox. L-affarijiet ta` dik il-financial year ma kellix ghalfejn intihomlu ghax ma kienx hemm il-financial year … qabel ma nehhewni minn direttur … il-financial year tispicca f`April … mela Mejju, Gunju, Lulju u Awissu kien ghadu kwart, terz tal-financial year … normalment intihomlu sa meta jkunu lesti ghaxar xhur wara l-financial year … Mela jien kont tajtu ta` l-ahhar financial year biex ifittex jaghmilhom ma April 2007 … ta` dik is-sena kienu ghadhom ghaddejjin, ma kellix ghalfejn skond il-ligi intihomlu.*

Dwar id-drabi li l-attrici marret l-ufficcju ghad-dokumenti, il-konvenut xehed hekk :-

*Il-mara tieghi u cioe` r-rikorrenti dahlet fl-ufficcju tieghi u hadet id-dokumenti apparti affarijiet ohra lejn l-ahhar ta` Jannar 2008. Nippreciza illi l-mara giet f`zewg okkazjonijiet, l-ewwel darba fl-okkazjoni li semmejt kienet kienet hadet id-dokumenti u jien ma kontx qieghed hemm, wara mbaghad fl-assenza tieghi regghet giet u kissritli l-ufficcju. Fit-tieni okkazjoni meta hi kissret l-ufficcju jien kont prezenti. Fit-tieni okkazjoni jien ghamilt rapport peress illi sar it-tkissir. Fit-tieni rapport m`ghamilt l-ebda referenza ghall-ewwel kwistjoni meta haditli d-dokumenti. Id-dokumenti kienu affarijiet ta` l-awditur. Ir-rapport li semmejt ittiehdu proceduri kriminali mill-Pulizija.*

Stqarr illi l-ftehim bejn Central 1 u Central 2 kien iffirmat fil-15 ta` April 2008.

Xehed illi fl-"extraordinary general meeting" huwa ma kienx ikkonsenja d-dokumenti sabiex l-attrici ma tkomplix taghmel hsara.

Ikkonferma li ghamel pagament ta` €12,000 favur l-agenti li Central 1 kienet tiehu x-xoghol minghandhom. Fil-fatt huwa kien caqlaq dawk il-flus ghal kont li fuqu l-attrici ma setghetx tohloq xkiel (billi ma tiffirmax ic-'cheques') sabiex ihallas lill-agenti. Il-kont kien f`ismu biss u kien desinjat bhala 'Central Holidays'. B`'Central Holidays' kien qed ifisser Central 1 ghaliex Central 2 ma kenitx ghadha kostitwita meta infetah dak il-kont. Lill-attrici ma kienx qalilha b`dak il-kont ghaliex l-interess tieghu kien li jzomm il-kumpannija ghaddejja.

Kompla jghid illi l-"overdraft" baqa` jizdied ghaliex minnu kien qed isir hlas ta` 'loan' li hu u l-attrici kellhom bhala "Ta` l-Gholja Investments Limited" ; kien hemm 'standing order' f`dak is-sens.

## V. <u>L-'onus' tal-prova</u>

L-'onus' tal-prova tat-talbiet jispetta lill-attrici.

Analizi mirquma tal-'onus' tal-prova kienet trattata fis-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/JRM**) fil-kawza "**Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**".

Il-Qorti qalet hekk :-

*Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta' prova fil-proċediment ċivili m`huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju (ara P.A. DS 13.2.2001 fil-kawża fl-ismijiet Nancy Caruana vs Odette Camilleri mhix pubblikata, imma f'dan ir-rigward, konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-27.2.2004) …*

*Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka (App. Inf. JSP 12.1.2001 fil-kawża fl-ismijiet Hans J. Link et vs Raymond Merċieca). Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha (App. Inf. PS 7.5.2010 fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil) ;*

*Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega (Art. 562 tal-Kap 12) u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova (Art. 559 tal-Kap 12) ;*

*Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti*

*essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet ;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli (App. Inf. PS 7.5.2010 fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni (P.A. NC 28.4.2004 fil-kawża fl-ismijiet Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et) Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li actore non probante reus absolvitur (P.A. LFS 18.5.2009 fil-kawża fl-ismijiet Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd. Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju (App. Ċiv. 19.6.2006 fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe). Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (App. Inf. 9.1.2008 fil-kawża fl-ismijiet Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et)*

Billi l-kawza tal-lum kienet kostellata minn provi konfliggenti, ghar-raguni li, kif rrilevat aktar kmieni, il-partijiet gharrfu jittrasformaw l-inkwiet taz-zwieg taghhom f`inkwiet socjetarju – li incidentalment irrizulta li kien inezistenti dment fiz-zwieg kollox kien 'ward u zahar' – din il-Qorti trid ta` bilfors tara kif ghandu jigu legalment trattat 'konflitt ta` verzjonijiet'.

Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza '**Xuereb et vs Gauci et**' il-Qorti tal-Appell qalet hekk :–

*Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra*

*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe vs*

*<u>Maryanne Theuma</u>", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (<u>Kollez. Vol L p.II p.440</u>).*

L-istess fis-sentenza ta` din il-Qorti tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**<u>Bugeja vs Meilak</u>**" inghad :-

*Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "<u>Farrugia vs Farrugia</u>", deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1966, li –*

*"il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghallkonvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoi. Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "<u>Farrugia vs Farrugia</u>", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.*

F`sentenza ohra tat-28 ta` April 2003 fil-kawza "**<u>Ciantar vs Curmi noe</u>**" din il-Qorti qalet hekk :–

*Huwa ben maghruf f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.*

Fis-sentenza tas-17 ta` Marzu 2003 fil-kawza "**Camilleri vs Borg**" il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

*… kif pacifikament akkolt fil-gurisprudenza taghna "l-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet ; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet.*

*("Eucaristico Zammit –vs- Eustrachio Petrococchino", Appell Kummerc, 25 ta' Frar 1952 ; "Paul Vassallo –vs- Carmelo Pace", Appell Civili, 5 ta' Marzu 1986).*

*Il-Qorti allura jehtiegilha tara jekk il-versjoni l-wahda ghandhiex teskludi lill-ohra fuq il-bilanc tal-probabilitajiet …"*

Fis-sentenza taghha tat-12 ta` April 2007 fil-kawza "**Tonna vs Azzopardi**" il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qalet hekk :-

*In materja ta` provi, gie diversi drabi ritenut illi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn :-*

*(i) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta` l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal- attur (reus in excipiendo fit actor) – ara Kollez. Vol. XLVI/i/5 ;*

*(ii) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista` joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, `jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta` l-attur hija sostenuta` – ara Kollez. Vol. XXXVII/i/577 ;*

*(iii) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti abbazi tad-domanda jew ta` l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal- gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat*

*(iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall- formazzjoni tal-*

*konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis- sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r- razzjonalita, kif ukoll koerenti ma` l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta` Revizjoni ...”*

Ma` dan kollu, l-Qorti zzid illi l-apprezzament mill-gudikant tal-fatti partikolari tal-kaz huwa krucjali. (**Kollez. Vol. L.II.225**).

Il-qies u l-mizura tal-provi tibqa` dik konsolidata fil-gurisprudenza, u cioe` illi l-kriterju mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminix dak li jkun gie spjegat lilu, *izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja* (**“Borg vs Bartolo”** – Appell Inferjuri – 25 ta` Gunju 1980).

Fis-sentenza taghha ta` l-11 ta` Frar 2004, il-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kawza “**Mercieca et vs Saliba**” qalet hekk –

“*Il-gudikant ma ghandu jitlaq minn ebda prekoncetti billi dawn ghandhom it-tendenza joffuskaw ir-ragonament ghaqli u l-interpretazzjoni sana u korretta tal-provi. Invece, jinhass aktar konsiljabbli illi wara ezami bir-reqqa tal-istess provi jigi determinat jekk l-ispjegazzjoni tar-raguni tal-bzonn hijiex possibbli fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja u fuq kollox hijiex perswasiva u sodisfacenti.*”

Huwa **wkoll** pacifiku u manifest illi l-grad ta` prova rikjest huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f`mohh il-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta` provi meqjusa fuq bilanc ta` probabilitajiet (**“Caruana vs Laurenti”** – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 8 ta` April 1994 ; **“Borg vs Manager ta` l-Intrapriza tal-Halib”** – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 17 ta` Lulju 1981; **“Vassallo vs Pace”** – Vol.LXX.II.144 u **“Zammit vs Petrococchino”** – Appell Kummercjali – 25 ta` Frar 1952).

## VI. Konsiderazzjonijiet

Ir-rikors guramentat kien prezentat fid-**19 ta` Frar 2008**.

Fil-mori tal-kawza, sehh zvilupp fis-sens illi b`effett mit-**18 ta` Settembru**

**2008** il-konvenut tnehha minn direttur ta` Central 1 b`decizjoni tal-laqgha generali tal-azzjonisti. Dan ifisser li filwaqt li l-azzjonisti baqghu l-attrici, il-konvenut u Joseph Oliver Ruggier, wara t-18 ta` Settembru 2008, id-diretturi kienu l-attrici u Joseph Oliver Ruggier.

Dan premess, il-Qorti sejra tghaddi ghall-konsiderazzjoni tal-ewwel, tat-tielet u tar-raba` talbiet attrici.

**1) L-ewwel talba**

**L-isfond tal-ewwel talba huwa l-agir allegatament abbuziv kommess mill-konvenut bhala direttur ta` Central 1 fil-konfront tal-attrici fil-vesti taghha mhux ta` azzjonista izda bhala direttur tal-istess socjeta`.**

Ghal din il-Qorti, l-ewwel talba, kif impostata, qeghda tolqot *in pieno* **unikament** dak li, fil-fehma tal-attrici, huma obbligi li, bhala direttur, il-konvenut kellu fil-konfront taghha.

**Huwa evidenti mill-premessi, u sa mill-ewwel talba, li l-attrici warrbet fil-genb l-interess ta` Central 1, u qeghdet fuq quddiem nett, xejn inqas, milli l-interess taghha.**

Id-**dmirijiet generali** tad-diretturi huma elenkati fl-**Art 136A tal-Kap 386** li dahal fl-Att dwar il-Kumpanniji bis-sahha tal-Att IV tal-2003. Sal-lum, id-disposizzjoni ghadha dik li kienet meta kienet introdotta skond l-Att IV tal-2003. Id-disposizzjoni taghmel parti mill-Kapitolu VIII tal-Kap 386 li jittratta dwar it-Tmexxija u l-Amministrazzjoni ta` kumpannija.

Id-disposizzjoni taqra hekk :-

***(1) Direttur ta' kumpannija jkun marbut li jaġixxi b'onestà u bona fide fl-aħjar interessi tal-kumpannija.*** (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti)

*(2) Id-diretturi ta' kumpannija għandhom jippromwovu* ***il-benessere tal-kumpannija*** *u jkunu responsabbli għal :* (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti)

*(a) it-tmexxija ġenerali tal-kumpannija u l-amministrazzjoni u l-immaniġġjar tagħha ; u*

*(b) s-sorveljanza ġenerali tal-affarijiet tagħha.*

*(3) B'mod partikolari, iżda bla ħsara għal kull dmir ieħor mogħti lid-diretturi ta' kumpannija, jew lil xi wieħed minnhom, bil-memorandum u l-Istatut ta' assoċjazzjoni jew b'dan l-Att jew b'xi liġi oħra, id-diretturi ta' kumpannija :*
*(a) ikunu obbligati li jeżerċitaw kura, diliġenza u ħila li jkunu eżerċitati minn persuna raġonevolment diliġenti li jkollha -*

*(i) kemm it-tagħrif, il-ħila u l-esperjenza li jkunu raġonevolment mistennija minn persuna li tkun qed taqdi l-istess funzjonijiet li jkunu moqdija jew fdati lil dak id-direttur dwar il-kumpannija ;*

*(ii) kif ukoll it-tagħrif, il-ħila u l-esperjenza li jkollu d-direttur ;*

*(b) ma għandhomx jagħmlu profitti sigrieti jew personali mill-pożizzjoni tagħhom mingħajr il-kunsens tal-kumpannija, lanqas ma jagħmlu gwadan personali minn informazzjoni konfidenzjali tal-kumpannija ;*

*(ċ) għandhom jassiguraw li l-interessi personali tagħhom ma jkunux f'konflitt mal-interessi tal-kumpannija ;*

*(d) ma għandhomx jużaw xi proprjetà, informazzjoni jew opportunità tal-kumpannija għall-benefiċċju tagħhom stess jew ta' xi ħadd ieħor, jew jieħdu xi benefiċċju b'xi mod ieħor b'konnessjoni mal-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom, ħlief bil-kunsens tal-kumpannija f'laqgħa ġenerali jew ħlief kif permess mill-memorandum u l-istatut ta' assoċjazzjoni tal-kumpannija ;*

*(e) għandhom jeżerċitaw is-setgħat li għandhom għall-finijiet li jkunu ngħataw is-setgħat u m'għandhomx jużaw ħażin dawk is-setgħat.*

**Fil-fehma ta` din il-Qorti, centrali fir-*raison d`etre* ta` din id-disposizzjoni huwa l-<u>interess tal-kumpannija</u>.**

Dan ifisser li l-interess **<u>personali</u>** tad-diretturi huwa rrilevanti.

Daqstant iehor huwa rrilevanti l-interess **<u>personali</u>** ta` kull azzjonista. Del resto jekk l-azzjonisti jidhrilhom li huma trattati hazin minn direttur, ghandhom rimedji ohra, certament mhux dak tal-lum.

Fis-sentenza fil-kawza **"<u>Brazilian Rubber Plantations and Estates Ltd</u>"**(1911.Ch.425) Neville J. qal hekk :-

*A director's duty has been laid down as requiring him to act as reasonably to be expected from him, having regard to his knowledge and experience. He is, I think, not bound to bring any special qualifications to his office. He may undertake the management of a rubber company in complete ignorance of everything conneceted with rubber, without incurring responsibility for the mistakes which may result from such ignorance. Such reasonable care must, I think, be measured by the care an ordinary man might be expected to take in the same circumstances on his own behalf. He is clearly I think, not responsible for damages occasioned by errors of judgement.*

Vitali fil-kawza tal-lum huwa l-fatt illi sakemm inqala` s-saram fiz-zwieg ta` bejn il-partijiet, kollox kien miexi harir. Evidenza ta` dan hija x-xiehda tal-Awditur Spiteri.

Din il-Qorti taghti affidament lix-xiehda tal-Awditur Spiteri. L-awditur jaghti *a clean certificate* ghat-tmexxija tal-konvenut.

**Din il-Qorti m`ghandhiex l-icken dubbju, abbazi tal-assjem tal-provi akkwiziti, illi l-ewwel talba tal-attrici tolqot l-<u>interess personali taghha</u> aktar milli l-interessi ta` Central 1**

Kien ritenut minn **Pennington's Company Law** (pg. 778) illi :-

***Director's powers are given to them to be used for the benefit of the company, that is for the benefit of the shareholders of the company as a whole and not for the benefit of the directors themselves, nor for the benefit exclusively of a section of the shareholders or employees of the company ... or of outsiders".*** (enfasi ta` din il-qorti).

**Mir-rassenja tal-provi, jirrizulta minghajr l-icken dubju – propju ghaliex din il-Qorti semghet hi l-provi kollha mill-bidu sal-ahhar – li kull ma ghamel il-konvenut kien fl-interess tas-socjeta`.**

**Din il-Qorti ma tistax twarrab fil-genb il-fatt illi l-azzjonista ta` minoranza <u>kien u baqa</u>` l-konvenut.**

**Eppure – kif jirrizulta mill-assjem tal-provi – l-interess <u>ewlieni</u> tal-konvenut kien u baqa` Central 1. Din dan din il-Qorti m`ghandhiex dubju.**

**Fic-cirkostanzi, din il-Qorti tghid illi l-ewwel talba <u>kif dedotta</u> ma kenitx ippruvata.**

Taghmel riferenza ghall-kaz ta` **"<u>Norman vs Theodore Goddard</u>"** (1991. BCLC 1028) citat minn **<u>Mayson, French & Ryan</u>** fil-"Company Law" taghhom :-

*The degree of care which the director of a company owes a duty to take when carrying the functions of the company is the care that would be taken by a reasonable diligent person having both : (a) the general knowledge, skill and experience that may reasonably be expected to a person carrying out the same functions as are carried out by the director in relation to the company (the objective test), and (b) the general knowledge, skill and experience that that director has (the subjective test)".*

**Din il-Qorti terga` tinsisti li l-Awditur ta *a clean bill of health* mhux biss lill-konvenut bhala direttur izda lill-kumpannija.**

**Din il-Qorti qieset il-provi kollha. L-interess ewlieni tal-konvenut kien lejn il-kumpannija. Kif svolga <u>dak id-dmir</u>, din il-Qorti ma ssibx li naqas lejn l-attrici ; del resto l-interess tal-attrici kellu jkun dak tal-kumpannija mhux taghha. F`dan l-aspett, il-prova attrici falliet ghal kollox.**

**Ghalhekk l-ewwel talba <u>qeghda tkun respinta</u> ghax ma tirrizultax ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi.**

**jew ta` hadd mut kien**

**2) <u>It-tielet talba</u>**

Din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza li tat fl-24 ta` Gunju 2011 fil-kawza "**<u>Joseph Mary Farrell vs</u> <u>Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud</u>**" :-

*Hu maghruf li kawzi quddiem il-qrati superjuri jridu jimxu a bazi tal-kawzali kif imressqa ghal quddiemha mir-rikorrenti, u jekk talba tkun mitluba a bazi ta' kawzali partikolari, mhux lecitu ghall-parti jew ghall-qorti tinvestiga lill'hinn minn dik il-kawzali. Kif intqal, per ezempju, mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kaz* ***Azzopardi v. Azzopardi****, deciza fil-31 ta' Jannar, 2003, "il-Qorti ghandha toqghod fuq il-kawzali u t-talba dedotta u xejn izjed".*

Huwa evidenti illi kif intiza t-tielet talba trid tindirizza l-kwistjoni tal-access ghad-dokumenti tas-socjeta` Central 1.

Ghandu jinghad illi **wara** t-18 ta` Settembru 2008, il-konvenut ma kien obbligat jaghti xejn ghaliex kien tnehha minn direttur ta` Central 1.

**Din il-Qorti hija tal-fehma illi kif dedotta t-tielet talba hija intiza ghall-prezent aktar milli ghall-futur. Ghalhekk billi wara t-18 ta` Settembru 2008, il-konvenut twarrab minn direttur ta` Central 1, ma kien jispetta xejn minnu li jrodd xejn, ghajr ghal dak li kien fil-pussess tieghu sa dakinhar.**

**Minkejja kull konflitt, din il-Qorti hija sodisfatta bl-ispjegazzjoni moghtija mill-konvenut.**

**Ghalhekk il-Qorti qeghda tichad it-tielet talba.**

**3) Ir-raba` talba**

Din il-Qorti titstqarr illi mhijiex tara rabta bejn din it-talba u l-ohrajn li qeghdin jigu decizi llum.

Din il-Qorti mhijiex tara l-fondatezza legali ta` dak prospettat mill-attrici fir-raba` talba.

**Ladarba l-finanzi ta` socjeta` huma determinati mill-bord tad-diretturi, din il-Qorti hija tal-fehma li, abbazi tal-provi akkwiziti, ma hemmx aktar lok li taghti aktar konsiderazzjoni ghal din it-talba, billi llum il-konvenut ma hu obbligat irendi xejn, ghaliex tnehha minn direttur,**

**kontra r-rieda tieghu, bis-sehem attiv tal-attrici.**

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba tal-attrici billi din kienet irtirata jew ceduta fil-mori tal-kawza.**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut fil-mertu.**

**Tichad l-ewwel, it-tielet u r-raba` talbiet tal-attrici li baqghu mhux decizi b`sentenzi parzjali taghha.**

**Tenut kont tac-cirkostanzi partikolari kollha tal-kaz, inkluzi l-aspetti ta` dritt li kienu nvoluti, u dan bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12 tal-Liigijiet ta` Malta, tordna li l-partijiet ghandhom ibatu l-ispejjez taghhom, mhux biss fir-rigward tas-sentenza tal-lum, izda wkoll fir-rigward tas-sentenzi parzjali u precedenti ghal dik tal-lum.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**